Nicholas Grech
Male Ward 3A
Sptar Monte Carmeli,
Notabile Road,
Attard.
Data: 20 ta’ Novembru 2017.

Kunsill Mediku,

Qed ikolli nikteb ghas-sitt darba (jekk nghoddu l-email li baghat fis-27 t’Ottubru ’17) fl-ilmenti tieghi kontra l-Psikjatra David Cassar ghax issa li wasalt f’dan il-punt valla pena nkompli nikxef kollox biex aktar tkompli tohrog l-istampa u l-intricci kollha.

Mela fl-ewwel kaz li kelli l-Qorti, kelli seduta fl-4/2/02 fejn fiha l-Magistrat Carol Peralta li quddiemu kien qed jinstema’ l-kaz, fettillu jsejjahli fil-bank quddiemu biex ikellimni mil-vicin. B’riferenza ghall-video li kien issemma fit-tieni seduta tal-5/7/01 fl-isforz biex itellfuni l-Liberta Provizorja, qalli xi haga fejn biha pprova jgiba li kont inzilt fit-tali post, Bahar ic-Caghak, fejn mhux suppost kelli nersaq. Jien bla hazen ta’ xejn, instintivament, u kif kelli cans kont quddiemu, kont pront u kemm lahhaqt ghidtlu li dik l-istorja kienu holquha huma u li dakinhar kienet saret xhieda falza fil-Qorti. Izda hu biex jaghlaqli halqi, ma jhallinix nikxef aktar affarijiet, u jinghogob, heddidni b’dawn il-precizi kelmiet ta’ intimidazzjoni u barra minn kull limitu “ara ma tirrispondinix **ghax insabbtek mal-hajt**” – kliem li tismaghhom minn bniedem komuni ukoll itellughlek gismek xewk xewk ahseb wara minn Magistrat li quddiemu qed jinstema l-kaz tieghek u minghandu qed tistenna l-verdett, cioe b’dan il-kejl ghax sempliciment ippruvajt nohrog fil-berah abbuz, mur ara ma fejn kien isabbatni darba jasal ghas-sentenza b’multi u habs biex ikompli jinghogob. Issa dan mhux semplici Cikku tat-triq qala fil-pjazza tar-rahal f’sahna tal-mument imma wiehed fil-kapacita ta’ Magistrat, fit-trankwillita meta altru ma kienx ipprovokat, meta kien fil-qadi ta’ xoghlu, f’nofs seduta f’awla tal-Qorti – ara x’ezempju dak. Daqshekk kien agevolat dak li ghamel perjury, dak li xehed falz dik il-gidba tal-video fil-5/7/01 fil-Qorti, dak l-ex-registratur tal-Qorti bil-kuntatti li kellu, li l-Magistrat kien lest jaqa’ ghall-dan il-livell baxx ta’ theddid ghalih biex jinghogob mieghu, jitterrorizza awla, u jwaqqa’ d-dekor tieghu stess u tal-Qorti. Immagina li kieku l-haga saret bil-kontra, kieku kont jien li ghidt dan il-kliem lill-Magistrat f’awla tal-Qorti, kif kienu jqumu l-irwiefen kollha u fejn kienu jtellghuni. Imma ghax qala dan Peralta qisu ma gara xejn, u dak li suppost kien l-avukat tieghi lanqas oggezzjona xejn ghal dan l-agir tieghu li bih deher kemm il-Magistrat kien se jkun imparzjali w addio smiegh gust. Kelli nkun jien wahdi minghajr ghajnuna ta’ hadd li niggieled ghad-drittijiet tieghi, il-mentali skond Cassar, li nikteb lill-Kummissjoni Amministrazzjoni tal-Gustizzja, u li din f’ittra datata 4 t’Ottubru 2004 (ara kopja ta’ l-ittra hawn mehmuza) tatni ragun, wara li semghet ix-xhieda, meta rreferit ghal dak il-kliem ta’ theddid ta’ Peralta bhala “kliem li seta’ ma naghdx ghax ma kienx utli ghal andament tal-kawza.”

Kont qieghed tajjeb kif Alla jridni fl-ewwel kaz li kelli fil-Qorti, b’xhieda falza biex itellfuli l-Liberta Provizorja u tbaghbis ta’ provi fejn video ta’ qabel l-arrest ippruvaw igibuh li sar wara l-arrest, bil-Magistrat jheddidni bil-vjolenza bejn l-erba’ hitan tal-Qorti li jsabbatni mal-hajt, bl-Avukat tieghi ma jiddefendinix kontra dawn l-abbuzi u kunflitt t’interess, u issa kien jonqos Cassar biex nigi ottu li f’salt wiehed dahal fix-xena gimghatejn biss wara fit-18/2/02. Din hi xi haga ta’ min jinnotaha kif Cassar li kien ilu fuq 7 xhur jtawwalli z-zmien tal-kawza biex jarani u jaghmel rapport mindu kien nhatar fil-15/6/01 mill-istess Peralta u kien anki hassar l-ewwel 2 appuntamenti li kelli mieghu hu stess, rani issa f’qasir zmien biex jipprova jsalva l-fjask li holoq Peralta stess. B’din il-mossa wera li rani mhux ghax jinteressah minn sahhti imma ghax jinteressah minn ‘sahhet’ Peralta ghall-konvenjenza ta’ hbieb li kienu. Kif ghidt fit-tieni ittra li baghat lill-Kunsill, Cassar ipprova jasal ghall-kompromess billi weghdni li se jghinni jgibni li ma nehilx habs imma jkun jinhtiegli nhallas tal-ispejjez foshtom tal-malafama, cioe kienet ga deciza l-kundanna ghalija. Jien ghidtlu li jekk se nehel xi haga jien, iridu jehlu wkoll l-ohrajn ta’ l-abbuzi li ghamluli, fosthom Peralta tat-theddid li ghamilli li zgur kien ikun ifisser it-tmiem tal-karriera tieghu meta kien ghadu f’eta zghira. Kieku flok jien kien haddiehor li safa mhedded b’dan il-modd minn

Magistrat kienu jghidu li spicca trawmatizzat, imma ghalija kien hemm jistennini destin modd iehor. Il-qofol intlahaq fit-12/6/02 meta quddiem l-istess Peralta bl-iskuza orkestrata minn Cassar li ma ridtx niehu l-pirmli li ordnali, saret seduta ta' malajr il-Qorti jew show-of-force/ att ta' bullying biex qafluni l-isptar Monte Carmeli fejn tefghuni f'Ward 10 – il-post ezatt l-oppost ghal-kura ta' "paranoid psychosis" li allega li ghandi Cassar. Ghal min ma jiftakarix Ward 10 kienet inghalqet tant kemm kienet fi stat degradabli w inuman u idejali ghat-tortura mentali, fejn pazjent hu stmat bhal annimal: jzommuk maqful ghal 21 siegha f'cella zghira b'sodda zghira u loki fiha, minghajr access biex tifflaxja l-loki, bid-dawl tax-xemx jiddetermina d-dawl tac-cella, tista tkellem lil tal-familja minn wara hgiega ghal kwarta biss kuljum u taghmel telefonata ta' mhux aktar minn 5 minuti. Imbaghad jigi Cassar jimmanipula l-kaz b'mod hekk sfaccat u jdawwara li qed nimmagina li hemm konfoffa ghaddejja kontrija, biex nikkwota kliemu stess li qed inbati minn "psikozi tad-deluzzjonijiet ta' persekuzzjoni" (ara sentenza online data 28/6/05, pagna 4, hawn inkluza) wara dak kollu li nkun ghaddejt minnu fl-ewwel esperjenza tieghi fil-Qorti fejn ma nafx x'kien jonqos aktar: perjury, tbaghbis tal-provi, theddid verbali u bi vjolenza mill-Magistrat, avukat qieghed hemm ghalxejn, u maqful habta u sabta f'cella f'manikomju abbuzivament minn Cassar biex ikompli jintimidani biex jurini sa fejn kapaci jasal, u biex inaqqasli l-kredibilta jekk nigi biex nikxef dawn l-abbuzi, apparti li bl-att ta' bullying tieghu ried indirettament jurini li l-huta z-zghira qatt ma kielet il-huta l-kbira u hawn il-Qorti l-ghalqa taghhom jaghmlu u jikkalpestawk kif iridu.

Imma din l-ittra tal-Kummissjoni Amministrazzjoni tal-Gustizzja flimkien ma l-argumenti li diga gibt fl-ittri precedenti, qedgha tkompli tikxiflu l-maskra ghax hu ttimbrani bid-deluzjonijiet, u l-Kummisjoni qedgha tikkontradixxih ghax johrog car li xi haga mhux normali kienet ghaddejja u li din il-konfoffa ma kinitx immaginazzjoni/ percezzjoni tieghi imma kienet xi haga reali, fejn kien propju Cassar li dawwarha f'immaginazzjoni tieghi biex ikun jista' jagevola lill-Magistrat Peralta (il-habib ta' Cassar) u lill-ex-registratur tal-Qorti (il-habib ta' Peralta, il-habib tal-habib ta' Cassar) fost l-ohrajn milli jittiehdu passi kontrihom. Daqshekk hu frodista u manipulatur tal-fatti Cassar li lest jikkundanna destin ta' bniedem jpengini ta' mentali biex salvalhom wicchom, biex tara kemm hu bniedem bla skrupli ta' xejn u sa fejn kapaci jasal. Gejt ikkundannat ta' mentali biex haddiehor ikun jista' jghaddiha lixxa u jevadi l-gustizzja u sahansitra jkompli javvanza fil-karriera: l-Ispettur Carmelo Bartolo kienu lahquh Supretendent lejn l-2006 u Peralta sab postu f'Qorti Internazzjonali: meta harget din l-ittra tal-Kummissjoni fl-2004, Peralta kien hobzu mahbuz barra minn Malta, u meta skadilu z-zmien biex jigi lura kien ormaj intesa kollox u rega' sab postu fil-gudikatura. Interessanti kif fit-tieni kaz li kelli l-Qorti fl-2014, l-ewwel seduta saret quddiem l-Magistrat Marceanne Farrugia waqt li mit-tieni seduta 'l quddiem rega tfacca Peralta. Ghalkemm Peralta kellu d-decenza li jsemmi li l-annimali kont insibhom mejtin, ma qajjimx il-punt li dan il-fatt kien jikkontradixxi l-akkuzi li saruli u talab kjarifika qabel ta l-verdett u kien johrog aktar fid-deher il-frame-up u l-assasinju tal-karattru li ghamluli l-Pulizija, izda farfar minn dan kollu qisu ma kien xejn, u qghad fuq il-perizja li fiha involva lil Cassar li kien jaf x'isarraf mill-ewwel kaz u l-pjacir li kien ghamillu biex ghattilu l-abbuz tieghu meta heddidni quddiem dawk prezenti fis-seduta tal-4/2/02 li jsabbatni mal-hajt.

Mal-lista tal-abbuzi ta' Cassar li nizzilt fit-tielet ittra li baghat lill-Kunsill qed inzid dawn li gejjin, u biex ma jkunx hemm hafna tixrid minn post ghall-iehor, qed nerga nirrepeti l-abbuz (18) li kont baghat fl-email tas-27 t'Ottubru '17 mill-gdid:

18) Ghal dawn is-snin kollha zammni ostagg, mhedded u b'mazzra m'ghonqi li jekk nirrapporta l-abbuzi tieghu, jerga' jdawwarha li qed nimmagina li hemm konfoffa ghaddejja kontrija, jinterpretaha li waqaft niehu l-pirmli u skuza ohra biex jerga' jaqfilni l-isptar Monte Carmeli kif ghamel fl-2002. Meta qafilni fl-2002 kienet purament show-of-force, ried jurini safejn kapaci jasal u li lilu ma jista' ghalih hadd, li jista' jikkalpestak kif u fi x'hin irid u jimmanipula l-kaz kif irid hu minghajr ma hadd jazzarda jistaqsih jirrispondi ghall-ghemilu. Darba ttimbrani ta' mentali kien l-ewwel pass ghall-aktar abbuzi, ried jghid li bhalma qafilni fl-2002, meta jrid u fi x'hin irid jerga' jaqfilni b'aktar facilita aktar minn qatt qabel ghax issa ttimbrat mentali u allura issa bla dinjita ta' xejn ghax ma jaghtik widen hadd b'dan it-timbru. Kienet raguni ohra l-ghala fit-2 kaz tal-Qorti tal-'14 kelli nghid li ghax kont waqaft niehu l-pirmli fic-cirka 3 snin qabel l-arrest flok nghid li qatt ma kont hadt il-pirmli tieghu f'aktar minn 12-il sena, jew nissogra li jerga' jaqfilni din id-darba ghall-ghomri l-isptar

jew jaqlibni fuq l-injection kif fil-fatt ghamel. Kont imgarrab mill-esperjenza tal-2002 u kont tghallimt sew x'isarraf tirann bhalu bla kuxjenza u bla skrupli ta' xejn u sa fejn kapaci jasal.

19) Ra kif kissirni mentalment u ghamilli hajti nfern meta kont l-aktar vulnerabbli. Fl-ewwel kaz, wara li kienet saret xhieda falza / perjury fil-Qorti u tbaghbis tal-provi fejn video ta' qabel l-arrest gabuh li sar wara bl-iskop biex itellfuli l-Liberta Provizorja, wara li l-Magistrat Peralta heddidni li jsabbatni mal-hajt waqt seduta fil-Qorti, u wara li l-avukat tieghi zam lura milli jitkellem u jiddefendini fuq dawn l-abbuzi, ghamel seduta l-Qorti biex qafilni l-isptar Monte Carmeli fl-2002 bl-iskuza li ma ridtx niehu l-pirmli li ordnali, dawwara u vvinta li qed inbati minn deluzjonijiet ta' persekuzzjoni u gabni ta' mentali biex ma nkunx kredibli jekk nigi li nikxef dawn l-abbuzi. Fit-tieni kaz, wara li kien konxju li saruli akkuzi infondati, frame-up u assasinju tal-karattru fost l-ohrajn u wara t-trawma w il-baraxx ta' gideb li ntqalu mil-media fuq il-kaz, ingustizzji li sofrejt, u ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tani njections li jqabbduk depressjoni, b'wahda minnhom sahansitra li ggeghlek taghmel suwicidju, b'side effects li haduli d-dinjita ta' ragel u ma jhallukx torqod fost l-ohrajn halli aktar ikompli jkissirni.

20) Immalafamani meta ttimbrani ta' mentali bil-pregudizzji kollha li din iggib maghha sempliciment biex ma nkunx kredibli jekk nigi biex nikxef dawk l-abbuzi li kienu saru fuqi fl-ewwel kaz u fl-istess hin jghatti xtur dawk li ghamlu l-abbuzi, u fit-tieni kaz kompla bena fuq din id-dijanjozi intenzjonalment zbaljata li ghamel.

21) Xehed falz fil-Qorti, ghamel perjury, fiz-zewg kazi li kelli, u dan hu aktar gravi meta tqis li ghamlu fir-rwol tieghu ta' espert/perit imqabbad mill-Qorti u li a bazi tax-xhieda tieghu l-Magistrat ried jasal ghas-sentenza, meta pingini ta' mentali bil-mard kollu li seta' jivvinta: minn paranoid psychosis ghal schizophrenic, minn psikozi ta' deluzjonijiet ta' persekuzzjoniji ghall-alterazzjoni mentali, bid-dopamine nieqsa minn mohhi, etc., u minkejja dan il-mard kollu li allega li ghandi l-fatti huma li qatt ma kont hadt gurnata sick leave f'aktar minn 15 il sena u nofs kemm domt nahdem ghajr meta qafilni l-isptar fl-2002 u dan minkejja li qatt ma hadt il-pirmli li ordnali ghal dan il-mard kronaku u gravi li allega li ghandi, etc. Fl-ewwel kaz li kelli l-Qorti xehed falz li ghandi deluzjonijiet ta' persekuzzjoni meta fir-realta verament kien hemm abbuzi li kienu qed isehhu kontrija (wiehed minnhom ta' Peralta stess, ara ittra tal-Kummissjoni). Fit-tieni kaz ikkonkluda li ghax waqaft niehu l-kura meta l-kura ta' pirmla wahda mizera ta 2mg kuljum tant kienet insinifikanti li ma setghetx taghmel differenza lanqas li kieku. Meta ghidtlu li qatt ma hadt il-pirmli tieghu fi 12 il sena ma marx b'din l-informazzjoni quddiem il-Qorti, ghax hu l-Qorti (riferenza ghall-kazijiet tieghi) ma jmurx biex tohrog il-verita imma biex johrog il-gideb u biex jizvija lill-Qorti.

22) Qed joqtolni bil-modd il-modd, f'qasir l-ghomor qabel iz-zmien, l-ewwel b'injection Fluanxol li tant tqabbdek depressjoni li ggeghlek taghmel suwicidju, u mbaghad b'injection ohra Risperdal li biha qed imarradni bil-marda tal-Parkinson fost l-ohrajn. Tant hu bniedem bla skrupli li jigi jaqa' u jqum mis-side effects li kkawzawli u b'vendikazzjoni u b'intimidazzjoni ghax irrapurtajtu lill-Kummissarju ghas-Sahha Mentali qata' kull kuntatt minn mieghi u ilu aktar minn sena ma jarani (mhux ghax qabel kien jarani spiss, xorta darba f'mitt qamar). Dan juri kemm hu konxju li jien m'hiniex mentali ghax kieku ma joqghodx jiehux ghalija izda minflok ghamel ezatt bil-kontra ghax jaf li qed nolqtu fil-laham il-haj.

Naghlaq billi nerga nqajjem il-kunflitt t'interess li hemm fost il-membri tal-Kunsill Mediku fejn ghandhek Dr.Paula Vassallo, Dr.Alex Magri, forsi Dr.Michael Boffa u Dr.Doreen Cassar huma *Facebook friends* ta' David Cassar, b'din Doreen Cassar jidher li addirittura hi l-mara tieghu, waqt li Dr.Paula Vassallo, Dr.Daniel Farrugia, possibilment Dr.Alex Magri, Dr.Tanya Melillo Fenech u r-registrar Inez Cassar huma *friends* ma din Dr.Doreen Cassar, li kif ghidna jidher li hi l-mara tieghu, bl-ohrajn taf jafuh tajjeb ukoll u m'ghamluhiex daqstant pubblika. Iz-zmien itina parir kemm il-mission statement li hemm fil-webpage tal-Kunsill Mediku, "*strives at safeguarding patients' rights and safety,*" se tattwawa fil-prattika jew tibqghu tkaxkru s-saqajn thallu l-kaz tieghi fil-genb – nahseb stennejt aktar minn bizzejjed dalwaqt 4 xhur u nofs. Kull gurnata li tghaddi qedghin biss tagevolaw lil Cassar li suppost ilu li qed il-habs u sospiz milli jaqdi l-professjoni tieghu.

__________________

Nicholas Grech (ID no: [redacted]M, Mob: [redacted], Email: [redacted]@gmail.com)

Nikludi pagna 4 tas-sentenza ta' l-ewwel kaz, naghmel underline xi partijiet mill-ahhar paragrafu fosthom il-parti deluzjonijiet ta' persekuzzjoni u nikteb:
Silta mis-sentenza mghotija mill-Qorti tat-28/6/05 fl-ewwel kaz. Cassar jixhed falz meta jdawwar l-abbuzi li kienu qed isiru fl-ewwel kaz f'deluzjonijiet ta' persekuzzjoni tieghi. Daqshekk hu ipokrita u jaghweg il-fatti Cassar fejn affarijiet reali dawwarhom f'immaginazzjoni tieghi biex jagevola lil min kien qed jabbuza u jevita li jittiehdu passi kontrihom.

Ninkludi kopja ta' l-ittra tal-Kummissjoni Amministrazzjoni tal-Gustizzja u nikteb:
Il-kummissjoni tiddeplora l-agir tal-Magistrat Peralta li f'seduta quddiemu fl-4/2/02 heddidni li jsabbatni mal-hajt imma ghal Cassar dawn kienu biss deluzjonijiet ta' persekuzzjoni tieghi. Ghalhekk gejt dikjarat mentali biex dawk li abbuzaw jkunu jistghu jghadduha lixxa u jevadu l-gustizzja. Daqshekk hu frodista u manipulatur tal-fatti Cassar li lest jikkundanna destin ta' bniedem biex salvalhom wicchom, biex tara kemm hu bniedem bla skrupli ta' xejn u sa fejn kapaci jasal.

Ninkludi pagna 4 tas-sentenza tat-tieni kaz, naghmel underline fejn Peralta semma ghal darba tnejn li l-annimali ma qtilthomx jien, u nikteb:
Silta mis-sentenza mghotija mill-Qorti tas-26/6/14 fit-tieni kaz. Ghal darba tnejn Peralta jsemmi li l-annimali ma qtiltomx jien izda jieqaf hemm flok isaqsi kif l-akkuzi saru ezatt fis-sens oppost. Wara frame-up u assasinju tal-karattru bhal dan mill-Pulizija, u l-baraxx ta' gideb u taghjir mill-media, Cassar tani njections li jqabbduk depressjoni, b'wahda minnhom anki ggeghlek taghmel suwicidju u anki qed imarduni bil-Parkinson. Daqshekk hu bniedem irresponsabbli Cassar u jigi jaqa' u jqum mis-side effects li qed jikkawzawli l-injections.